# Giovanni Gagliardi 1838-1924



San Ġwann Battista De La Salles
*Giovanni Gagliardi (1901)*

L-informazzjoni dwar il-ħajja ta' Giovanni Battista Gagliardi magħruf aktar bħala Giovanni Gagliardi hija pjuttost limitata. Huwa twieled f'Ruma fl-1838, misisieru kien jismu Agostino u ħa dixxiplina fl-arti tal-pittura mid-ditta ta' zijuh Pietro Gagliardi (1809 – 1890). Giovanni kien l-awtur ta' suġġetti reliġjużi fejn anki esprima f'xogħlu bijografiji ta' qaddisin, skont l-ikonografija tradizzjonali u akkademika. Huwa kien ukoll artist tajjeb f'dawk li huma ritratti. Mill-*Esito ristauro della chiesa di S. Agostino 1856 – 1869* insibu li huwa għen lil zijuh Pietro meta dan kien qiegħed jaħdem fuq id-dekorazzjoni ta' din il-knisja. Skond Bartolini (1870, pp. 57s.) Giovanni pitter l-affreski ta' anġli u qaddisin ta' l-Ordni Agostinjana fit-troll tan-navi ta' din il-knisja. Fl-1865 huwa pitter zewġ ritratti tal-Ġiżwiti *Alexandre de Rhodes* u ta' *Jean Lorin*. Dawn jinsabu fil-*Musée di Avignone*, li kien ukoll ikkummissjona dawn iż-żewġ pitturi. Bejn l-1878 u l-1879 huwa għamel xogħol fis-saqaf tal-oratorju tas-Salib Imqaddes li nsibu ġewwa Ruma fejn insibu it-Trijonf tas-Salib, l-arma tal-konfraternità tas-Salib Imqaddes, u l-arma tal-Papa Ljun X111 – il-Papa li ried li jsir restawr u tisbiħ ta' din il-knisja.

Il-firma ta' Gagliardi narawha wkoll flimkien ma' dik ta' ħuħ Franġisku f'irċevuta li ġġib id-data 1913 (Balduini, 1984, p. 101) li tivverifika li kien sar ħlas ta' elefejn lira Taljana minn Eulalia Moroni għall-erba kwadri impittra minnhom għal fuq l-altari tal-Knisja Benedittina ta' *S. Lucia a Corneto Tarquina*, u li kienu kkommissjonati fl-1880. Dawn jirrappreżentaw lil San Benedittu iqajjem tifel, San Benedittu u Totila, San Benedittu eremita u transitu ta' San Benedittu. Hekk ukoll f'Corneto Tarquinia ġewwa l-knisja ddedikata lill-San Mark fost l-arti nsibu xogħol ta' Giovanni, il-pittura tal-artal maġġur iddedikata lill-San Mark, kif ukoll kwadri oħra ovali fuq l-altari. (Dasti, 1878).

Fl-1885, ġewwa l-knisja ddedikata lill-*Maddalena delle Scuole pie di Frascati*, iffirma abbozz ta' lunetta li xogħol fuqu kien baqa ma sarx. Huwa għamel ukoll diversi suġġetti sagri għall-kappella tal-kulleġġ tan-Nazzarenu ġewwa Ruma. (Baldioni, 1984, p. 98). Fuq l-inkorraġġiment tal-Papa Ljun X111 biex tkun iddekorata l-Knisja ta' *S. Gioacchino in Prati* (1891-98), Giovanni kien fdat fid-dekorazzjoni tal-affresk fil-kappella tal-Irlanda ddedikata lill-San Patrizju, fejn fost l-oħrajn pitter diversi immaġini tal-qaddis kif ukoll fis-saqaf tagħha esprima l-glorja tal-qaddis. F'dan ix-xogħol Giovanni żgur ma ħadmix fid-dell ta' zijuh minħabba l-fatt li Pietro miet fid-19 ta' Settembru 1890. Fid-Dar Ċentrali tal-Freres ġewwa Ruma insibu diversi xogħlijiet li juru partijiet mill-ħajja ta' San Ġwann Battista De La Salle magħmula bejn is-snin l-1901 u l-1906. F'żewġ kappelli li nsibu fil-knisja ta' Santu Rokku f'Ruma pitter biż-żejt, iffirma kif ukoll niżżel is-sena l-1912 fil-pittura li tirrappreżenta lil San Ġużepp u l-Bambin. Il-pittura l-oħra li nisbu hija dik tal-Immakulata u kienet imqiegħda fl-1895. Fl-1908 għall-kappella ta' *S. Gregorio Illuminatore* li hemm fil-Knisja ta' San Nikola ta' Tolentino pinġa, iffirma u poġġa ukoll is-sena fuq pittura għall-altar maġġur li turi l-laqgħa tal-Papa Silverio ma' *S. Gregorio Illuminiatore* f'Ruma. Giovanni Gagliardi miet f'Ruma fl-1924.

**...u f'Malta**

Dan l-artist ftit li xejn għandu sehem fl-istorja ta' l-arti Maltija, kontra dak li wieħed jista jgħid għal zijuh Pietro Gagliardi, li ħadem ħafna kwadri għall-knejjes u djar privati Maltin. Il-kwadri ta' Pietro kienu popolari u xi knejjes kienu ukoll f'kompetizzjoni ma' xulxin min minnhom se jirnexxielu jakkwista min

*ikompli f'paġna 7*




**Charlon Dalli**
**TAL-ĦAXIX**



51, Triq Wisgħet Anġlu Dalli, Gudja
Tel: 21696452

*Il-ħanut fejn il-mara tad-dar issib kull tip ta' ħaxix frisk*

*Għall-kumdità tiegħek indur bil-vann fit-toroq*

*ikompli minn paġna 4*



It-titular ġewwa l-Knisja tal-Lunzjata - Gudja
*Giovanni Gagliardi (1871)*

għandu l-isbaħ kwadru. Il-pittur Cav. Rafel Bonnici Calì jsejjaħ lil Gagliardi (Pietro) bħala wieħed mill-aħjar pitturi ta' l-arti Rumana tas-seklu dsatax. Biss jibqa' l-fatt, madankollu li kien Giovanni u mhux Pietro li ħadem l-ewwel xogħol għall-patruni Maltin.

Probabbilment Giovanni Gagliardi qatt ma ġie Malta u l-kuntatt ġeneralment kien isir permezz tal-korrispondenza li kienet tgħaddi mal-Kanonku Dr. Paolo Pullicino (1815-1890). Il-Kanonku Pullicino kien ammiratur kbir tal-arti u waqt iż-żjarat tiegħu f'Ruma, kien imur iżur ta' spiss lil ħbieb tiegħu fosthom l-artisti Gagliardi. Dan il-Kanonku, imsaħħar bix-xogħlijiet ta' Giovanni Gagliardi kien ikkumissjonah biex ipitter il-pittura titulari li nsibu fil-Knisja tal-Lunzjata ġewwa l-Gudja. Dan il-kwadru xogħol fiż-żejt u maħdum f'Ruma juri t-tħabbira tal-anġlu Gabirjel lill-Madonna, iffirmat flimkien mas-sena li kien impitter fl-1871. Fih naraw xebħ ma dak li nisbu fil-knisja ta' Ħal Tarxien li kien impitter fis-sena 1874 min zijuh Pietro. Fir-reġistru tal-Lunzjata (fil-parti *esito*) li nsibu fil-Parroċċa tal-Gudja, insibu li l-Kanonku Pullicino, fl-1871 kien ħallas lill-pittur Giovanni Gagliardi ġewwa Ruma s-somma ta' £25. 7s.10d. (data 20 ta' Mejju 1871). Kien sar ukoll ħlas ta' primjum ta' 3.12 tari għal kull lira fil-ħamsa u għoxrin lira msemmija. Mill-istess reġistru (fil-parti *introito*) nafu wkoll li l-benefattur ta' dan l-inkwadru kien Giovanni Asphar li kien ħareġ 320 skudi 5 tari u 10 grani li kienu jkopru wkoll għall-ispejjeż involuti (data 23 ta' Mejju 1871). Mastru Rużar Formosa kien tħallas is-somma ta' 7 skudi 10 Tari u 2 grani għall-tmienja u għoxrin pied ta' gwarniċa indurata li takkumpanja lil dan l-inkwadru.

Xogħlijiet oħra ta' dan il-pittur li nafu bihom sal-lum ġewwa pajjiżna huma l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju maħdum fl-1864 u li jinsab fil-knisja Arċipretali tal-Furjana, u ritratt tal-Papa Benedittu X1V li kien ikkumissjonat mill-Kanonku Filippu Pullicino qarib tal-Kanonku Paolo Pullicino.

Giovanni Gagliardi, żgur li għalina jibqa ħaj bl-unika xogħol titulari li nsibu f'pajjiżna, liema pittura ġibdet lejha diversi devoti u studjużi kemm Maltin kif ukoll barranin.

*Referenzi*

Emanuela Bianchi, *Dizionario Biografico degli Italiani Volume 51* (1998)

http://www.lasalle2.org/english/resources/clipart/iconog.php

Michael Galea, *Mons. Dr. Paolo Pullicino (1815-1890)*

Christian Attard, *Giovanni Gagliardi - Programm tal-festa ta' Marija Annunzjata Gudja 2003*

*Libro della Chiesa figliale sotto titolo dell' Annunziata Gudia 1863-1958 Vol. 61 (introito p. 35; esito p.66)*

***Martin Gravina***



Parti mid-dokument dwar il-ħlas għall-pittura tal-Lunzjata

**SUNRISE FURNITURE**

**Dawret Ħal Għaxaq - Għaxaq - Tel: 21 663 245**

***Manufacturer of:***



***Main Bedrooms***
***Spare Bedrooms***
***Kitchen Units***
***Dining Rooms***
***Wall Units***
***Etc...***
***YOU WILL HAVE A GOOD DEAL***

